Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 14

It-Tnejn 13 t' April 2020

Il-Kunsilli Lokali Marsaxlokk iltaqa' fis-Sala Parrokjali, li tinsab fl-indirizz 39, Pjazza Madonna ta' Pompei, Marsaxlokk, fin-12:30pm.

PREŻENTI:

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | – | Sindku |
| Elenia Desira | – | Viċi Sindku |
| Janice Chetcuti | – | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | – | Kunsillier |
| Stephen Caruana | – | Kunsillier |

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Charles Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| 14.1 | Qari ta' ittri ta' apoloġiji |
| 14.1.1 | Xejn |
| 14.2 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti |
| 14.2.1 | Kopja tal-minuti tas-seduta preċedenti numru 13, tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ta' dawn il-laqgħat ittieħdu bħala moqrija. Il-Kunsillier Daniel Zerafa tkellem dwar Jum Marsaxlokk, fejn qal li kellu kollox ippreparat imma minħabba is-sitwazzjoni tal-pandemija din ser ikollha tiġi kkanċellata. Sar qbil li tiġi posposta sa kemm ikun notifikat mod ieħor. |
| 14.2.2 | Is-Sindku Steven Grech tkellem dwar il-jogging track fiz-zona ta' Port Ruman mal-Perit tal-Kunsill. Hu nforma li dan ser jiġi mġedded u dak ikkonfermat ukoll permezz ta' email. |
| 14.2.3 | Is-Sin. Elenia Desira ipproponiet u Is-Sur Steven Grech issekonda bħala koretti, il-minuti tas-seduta preċedenti numru 13, u ġew approvati b'votazzjoni unanima fost dawk preżenti. |
| 14.3 | Komunikazzjonijiet mis-Sindku |
| 14.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li fis-4 ta` Marzu 2020 saret laqgħa bejn is-Sindku u Rapprezemtanti tal-Electrogas biex jgħinu għaqdiet tat-tfal, pero' ġol-lokal ta' Marsaxlokk ma hemm għaqdiet f `dak ir-rigward. Dakinhar stess kien hemm laqgħa ohra mal-Urban play biex naraw xi jeħtieġ jiġi irranġat fil-bandli ta' ħdejn il-Hunters Tower. |
| 14.3.2 | Is- Sindku informa l-Kunsilleira li fil-5 ta` Marzu fis-2pm kellu laqgħa mal-Public works fil-Pjazza biex jaraw x`jista jsir fuq il-funtana. |
| 14.3.3 | Is-Sindku informa l-Kunsilleira li fis-6 ta' Marzu 2020 kellu laqgħa fil-Kunsill Lokali mall-Aġenzija Support biex naraw inkunux nistgħu inħaddmu xi nies b`disabbilta . |
| 14.3.4 | Is-Sindku nforma lill-Kunsilleira li fil-11 ta` Marzu 2020 kellu laqgħa mal-Highland group fejn marru fuq il-post tal-bandli (tal-Magħluq) biex jaraw x`hemm bżonn isir biex jiġu irrangati. Dawn kellhom jibgħatu stima bl-affarijiet li hemm bżonn. |
| 14.3.5 | Is-Sindku informa l-Kunsilleira li fit-12 ta' Marzu 2020 kellu laqgħa mal-Electrogas Malta Ltd rigward ir-*risk assessment* għall-applikazzjoni tal-pipeline. |
| 14.3.6 | Is- Sindku informa l-kunsilleira li fit-13 ta' Marzu 2020, is-Sindku kellu laqgħa ġo l-għassa taż-Żejtun mas-Supretendent Josric Mifsud u Surgent 264 Gabria Gatt fejn bdew diskussjonijiet rigward il-Community Policing ġol-lokal ta` Marsaxlokk.Is-Sindku flimkien mall-Kunsilliera kollha kellhom laqgħa mal-Onorevoli Ministru Aaron Farrugia fis 2pm il-Ministeru rigward il-Hardstanding ta Port Ruman biex forsi issir Delimara, rigward il-flus li ghandu jieħu il-kunsill mill- |

| | |
|---|---|
| | permessi tal-power station. Tkellimna wkoll dwar iż-żona tal-Magħluq kif qegħda tittiekel. Fuq dawn il-punti ktibna lill Ministru biex jikteb l-ERA u l-MEPA. |
| 14.3.7 | Is-Sindku informa l-Kunsilleira li fis-16 ta' Marzu 2020 kellu laqgħa flimkien mall-Kunsilliera Dr Janice Chetcuti LLD, Daniel Zerafa u ma tar-Ristoranti rigward il-permessi tal-imwejjed u siġġijiet li għandhom man-naħa tal-bankina, n-naħa tal-baħar u fuq l-skips li għandhom barra. |
| 14.3.8 | Is-Sindku informa l-Kunsilleira li fis-17 ta' Marzu 2020 saret *video conference* bejn l-Onorevoli Ministru Owen Bonnici is-Sindku Steven Grech , il-Vici Sindku Elenia Desira u l-Kunsilliera Dr Janice Chetcuti LLD , fejn saru diversi diskussjonijiet rigward il-fence ta madwar l-iskola li ilu biex jinbena ghal dawn l-ahhar 15 il-sena, kif ukoll fuq il-bicca art li hemm ġol-iskola biex ikun jista jinbena Kunsill Lokali ġdid fl-istess sit. |
| 14.3.9 | Is-Sindku informa l-Kunsilleira li 3 t`April, fl-10 :00am kellu *video conference* mal-Enemalta fejn qed jipproponu li jsir *Hub* tar-roti tad-dawl biex ikunu jistgħu immoru bihom Dellimara u biex issir kaxxa biex ikunu jistghu jarmu l-fliexken tal-plastic, filwaqt li fis- 1.30pm is-Sindku flimkien mal-Perit li qed jiehu ħsieb il-progett Tal- Magħluq marru fuq il post biex jaraw kif ser isir ix- xogħol tat- tħammil f`Tal-Magħluq. |
| 14.3.10 | Is-Sindku informa l-Kunsilleira li fid-9 t`April 2020 fit-8.30am kellu laqħha mal-Onorevoli Jean Claude Micallef u Project Plus fejn saru diskussjonijiet u proposti rigward Camping site. Dan sabiex ikun kemm wieħed in-naħa ta' fuq ta Malta li huwa il-Mellieha u ieħor in-naħa tas-South. Fis-1.30pm saret laqgħa bejn Is-Sindku, l-Perit u Transport Malta u ġie diskuss kif ser isiru x-xogħlijiet f` Tal-Magħluq. |
| 14.4 | Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri |
| 14.4.1 | - Dr Janice Chetchuti staqsiet jekk il-proġett tal-PipeLine hux ser jaffetwa fid-deher kif ukoll ekoloġikament. Is-Sur Daniel Zerafa u is-Sur Steven Grech spjegaw kif ser jinħadem taħt l-art u mhux ser jiġi bl-ebda mod affetwat l-ambjent. Sar qbil li-issir laqgħa ta' informazzjoni għall mistoqsijiet u tgħarif ieħor.<br><br>- Is-Sin Elenia Desira staqsiet rigward il-Community Police fejn ġie spjegat li ser ikunu assenjati puluzija għall M'Xlokk.<br><br>- Rigward iż-zona tal-Magħluq sar qbil li jistennew appuntament tal-*outcome* mal-ERA.<br><br>- Rigward laqgħa mar-ristoranti s-Sindku talab li l-iskips jinġabru taħt kuntrattur wieħed.<br><br>-Fuq il-Binja tal kunsill ġdid propost fuq l-art fl-iskola is-sindku prpona li issir pjanta bħala proposta. Is-Sinjuri Daniel Zerafa, Steven Grech u Stephen Caruana qablu filwaqt li s Sinjuri Janice Chetcuti u Elenia Desira ma qablux.<br><br>- Is-Sa Janice Chetcuti talbet li tigi infurzata *target date* fuq il *Fish Farms* u l-ġbir tal-gaġġeg. |

| | |
|---|---|
| | -Sar qbil li jsir il-*camping sight*. |
| 14.5 | San Girgor |
| 14.5.1 | Kunsill qabel li minħabba il-Pandemija Covid 19, il permessi li nħarġu għall din is-sena jinżammu għas sena id-dieħla u tinħareġ stqarrija. |
| 14.6 | Proponimenti |
| 14.6.1 | Ġie propost li jinxtara '*Safe*' għall-Kunsill. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera kollha. |
| 14.7 | Xiri ta' laptop. |
| 14.7.1 | Is-Segretarju Charles Attard talab li jinxtara *laptop* sabiex jintuża għall-amministrazzjoni. |
| 14.8 | Ftuħ tal -Kunsill nhar ta'Sibt |
| 14.8.1 | Sar qbil li peress waħda mill-impjegati, hi persuna vulnerabbli, temporanjament, il-Kunsill nhar ta' Sibt mhux ser jinfetaħ. Għandu jsir avviż fuq *noticeboards* u l-*facebook page* tal-Kunsill. |
| 14.9 | Nota Ground tal-Football / Dar tal-Anzjani. |
| 14.9.1 | Ġie mitlub li issir laqgħa mal-iżvillupaturi tal-art fl-akkwati tal-*Football grounds* biex jigi spjegat x'ser jsir f'din l-art. |
| 14.10 | Animal Welfare Fund |
| 14.10.1 | Is -Sa Janice Chetcuti talbet sabiex tibda tmexxi il-*vouchers* mill-fond tal-Animal Welfare. |
| 14.11 | E-mails u Kommunikazzjoni |
| 14.11.1 | Sar qbil li jibda jsir *filtering* tal-*emails* b'hekk il-Kunsilliera ma jibqgħux jirċievu emails li mhux relevanti mad-dekasteru tagħhom. |
| 14.12 | Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti |
| 14.12.1 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' pagamenti (Skeda nru.4/20) għall-approvazzjoni. |
| 14.12.2 | Fuq mozzjoni tas-Sin.Elenia Desira, issekondata mis-Sur Steven Grech, Il-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista li hi anessa u li tifforma parti minn dawn il-minuti. |
| 14.12.3 | Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali il-lista ta' *petty cash* maħruġ għax-xahar ta' Marzu sat-13 ta' April 2020 għall-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali. |

| | |
|---|---|
| 14.12.4 | Minħabba s-sitwazjoni tal-pandemija ġie maqbul li ser isiru pagamenti qabel ma jiġu approvati. |
| 14.13 | Plannig Authority |
| 14.13.1 | Is -Sur Daniel Zerafa għarraf li l-applikazzjonijiet tal-Awtorità tal-Ippjanar qed jimxu hekk kif ġej:<br><br>- Barumbara ta' Lambert - Ser titmexxa sabiex tinfetaħ triq.<br>- Saret applikazzjoni biex isir restawr fuq l-istatwa ta' Sant' Andrija.<br>- Applikazzjoni sabiex tiġi żviluppata l-art wara l-*Water Polo pitch.*<br>- Casa La Torre ser tiġi restawrata.<br>- *Tennis Courts* instab amministratur u jeħtieg li jiġi iffurmat kumitat. |
| 14.14 | Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss |
| 14.14.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-1:45pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 15 ta' Mejju 2020, fis-1.00pm. |

Konfermati, illum 15 ta' Mejju 2020.

IFFIRMATA

________________________

Steven Grech
*Sindku*

IFFIRMATA

________________________

Charles Attard
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*